VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,974, 6 ta' April, 2018
Taqsima B

A.L. 108 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Archaeological Practice - M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Archaeological Practice - M.A. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Archaeological Practice - M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti, ippubblikati bħala Avviż Legali 155 tal-2016, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Marzu, 2018 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"(2) F'dawn l-ordinamenti, sakemm il-kuntest ma jirrikjedix mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Arti;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Arts in Archaeological Practice - M.A.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Arts in Archaeological Practice - M.A.;

"il-Postgraduate Certificate" tfisser il-Postgraduate Certificate in Archaeological Practice - P.G.Cert.; u

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Archaeological Practice - P.G.Dip.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad."

L-Emenda għall-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

4. L-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat bħala l-paragrafu (2) tal-ordinament 7.

5. Il-paragrafu (1) li ġej għandu jidħol qabel il-paragrafu (2) tal-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali:

"7 (1) L-istudenti li jiksbu mill-anqas 30 krettu ECTS b'marka medja ta' mill-anqas 50% u li ma jkomplux il-Kors ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Certificate."